29 ta' Settembru, 1947
Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Onor. Henry Jones et. *versus* Anthony Zammit et.

**Inġurja bl-Istampa — Verità tal-Konviċju — Sentenza — Nullità.**

*F'kawża ta' inġurja bl-istampa, il-kwerelat jew imputat jista' jagħti eċċezzjoni dupliċi, fis-sens illi l-artikolu nkriminat mhux libelluż u illi, fil-każ li hu tali, jirriżerva li jipprova l-verità tal-konviċju. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet mhumiex inkompatibili waħda ma' l-oħra; u mhix nulla s-sentenza li tiddikjara li l-artikolu nkriminat mhux inġurjuż qabel ma tiddeċidi l-pont sollevat ta' l-inkompatibilità ta' dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet.*

L-imsemmijin Zammit u P.L. Cefai, fuq kwerela ta' l-imsemmijin Onor. Jones, Grech, Stellini, Debrincat, Refalo, Butigieg u Borg, proprio et nomine, ġew miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondu tar-reat ta' inġurja per mezz ta' l-istampa;

B'sentenza tagħha tal-15 ta' Lulju 1947 dik il-Qorti llibe-rathom, għar-raġuni illi, kwantu għall-kwerelat P.L. Cefai ma rriżultax li hu kiteb l-artikolu nkriminat, u kwantu għall-kwerelat Zammit għaliex l-artikolu inkriminat, inġurjuż jew le, ma kienx tali għall-indirizz tal-kwerelanti; bl-ispejjeż kontra l-kwerelanti;

Il-kwerelanti proprio et nomine appellaw;

Fil-15 ta' Settembru 1947 din il-Qorti tat deċiżjoni preliminari dwar l-appellabilità tad-deċiżjoni tal-Maġistrat;

Fil-meritu, wara li semgħet id-diskussjoni, din il-Qorti ta' l-Appell rriflettiet;

L-Avukat Dr. Flores għall-appellanti ssottometta illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija nulla, għaliex il-Maġistrat kien imissu, qabel ma ddeċieda jekk l-artikolu kienx inġurjuż jew le, iddeċieda l-pont sollevat mill-kwerelanti dwar jekk il-kwerelati setgħux jagħtu l-eċċezzjoni dupliċi bil-mod li din ġiet minnhom mogħtija, jiġifieri illi l-artikolu mhux inġurjuż u, fil-każ li hu tali, allura jirriżervaw li jippruvaw il-verità tal-konviċju;

Dr. Flores osserva illi ż-żewġ eċċezzjonijiet hekk sollevati huma inkompatibili waħda ma' l-oħra, għaliex il-prova

tal-verità, li għandha tkun mogħtija "in limine litis", għandha bħala presuppost tagħha illi l-meritu ta' l-akkuża jikkostitwixxi inġurja (ara verbal fol. 5);

Din id-deduzzjoni ta' nullità fuq dan il-punt ma hix bażata. Hu ċar illi kieku l-Qorti kellha tiddeċidi l-ewwel il-kwistjoni ta' l-inkompatibilità, kienet tkun possibilment qiegħda tiddeċidi kwistjoni ta' interess merament akkademiku. Difatti, suppost li wara kellu jiġi deċiż li l-artikolu mhux inġurjuż, hu ċar li d-deċiżjoni dwar l-inkompatibilità kienet tkun ta' l-ebda valur prattiku. Del resto, il-verità hija li l-kwistjoni sollevata minn Dr. Flores ġiet hekk sollevata qabel ma wasal il-waqt tagħha. Infatti l-ordni loġiku kien ikun dan, illi appena jiġi deċiż li l-artikolu hu inġurjuż għall-kwerelanti, u appena l-kwerelati jitolbu l-prova tal-verità tal-konviċju, allura dina t-talba tiġi opposta bl-eċċezzjoni ta' l-inkompatibilità, li allura kienet tkun f'lokha kronoloġikament, għaliex kienet tkun preliminari indispensabili għall-akkoljiment jew ċaħda tat-talba tal-prova tal-verità tal-konviċju;

Kien ikun inġust illi jiġi miċħud lill-imputat ta' reat simili d-dritt li jeċċepixxi li l-artikolu ma hux inġurjuż, u li fl-istess ħin jikkawtela ruħu kontra l-eventwalità illi l-ġudikant jirritjenieh inġurjuż, billi jirriżerva, f'din l-eventwalità, id-dritt tiegħu ta' l-"exceptio veritatis". Il-forma dupliċi adoperata mill-kwerelati hi evidentement suġġerita bil-preokkupazzjoni li jiġi evitat l-appunt illi l-"exceptio veritatis" ma ġietx mogħtija "in limine litis";

Din il-Qorti ma tara ebda inkompatibilità; għaliex l-"exceptio veritatis", kif qal fl-imsemmi verbal fol. 5 l-istess Dr. Flores, tippresupponi l-kontenut inġurjuż ta' l-artikolu, u kwindi għamlet sewwa l-Ewwel Qorti illi, qabel ma tgħaddi għall-indaġini ta' -verità tal-konviċju, taċċerta ruħha minn dan il-presuppost;

Fil-meritu dwar jekk l-artikolu huwiex inġurjuż;

Il-Qorti qrat l-artikolu nkriminat u ma tista' ssib xejn fih li jista' jitqies inġurjuż għall-kwerelanti personalment jew għall-Għaqda minnhom rappreżentata. It-ton ġenerali ta' l-artikolu anzi ..........;

Kwantu għall-kwerelat P.L. Cefai, dan ġie liberat għaliex ma rriżultax li hu kiteb l-artikolu. Issa, għalkemm loġi-

kament dina l-indagini tipprecedi dik dwar il-kontenut ta' l-artikolu, eppure l-Qorti ma tara ebda utilità li tinvesti fl-Appell din il-kwistjoni la darba l-artikolu ma hux ingurjuż;

Għalhekk is-sentenza appellata hi *konfermata*, u l-appell miċħud. L-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelanti;

Onorarju tad-difensuri 10s. għas-seduta tal-1 ta' Settembru 1947, 12s. għal dik tal-15 ta' Settembru 1947, u 8s. għal dik tal-lum.